MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Numru 1308/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**
**VS**
**ILEASSOU BALLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ileassou Balla, nazzjonalita` Togo, imwieled f'Anecho, fit-12 ta' Settembru 1984, bin Halidu u Lara, numru moghti mill-Pulizija 08VVV-021.

Akkuzat talli f'data mhux maghrufa qabel is-7 ta' Dicembru 2010, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lil Ileassou Balla, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 28 tal-Kap 217 u l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sebgha (7) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, in vista tal-fatt illi ghandu eta’ giovanili u in vista tal-fatt illi huwa *a first offender*. Taht dawn ic-cirkostanzi, l-Qrati Maltin mhux solitu illi jaghtu kundanna ta’ inkarcerazzjoni fuq dawn it-tip ta’ akkuzi, izda jaghtu piena alternattiva. Piena karcerarja, fil-kaz odjern u fic-cirkostanzi fuq indikati, tista’ tigi interpretata bhala diskriminazzjoni abbazi ta’ l-*istatus* u r-razza ta’ l-imputat, diskriminazzjoni li certament ma tistghax tigi imposta minn ebda Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------